**Qorti tal-Appell Kriminali**

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 460/2017

Seduta tal-25 ta' Settembru, 2019

**Il-Pulizija**

**Spettur Jonathan Ferris**

**Vs**

**Joseph Grech**

Il-Qorti;

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant, Joseph Grech, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 423567M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli nhar l-20 ta' Dicembru, 2016, ghall-habta tas-13:40 PM, gewwa Triq Birzebbuga, Birzebbuga u ftit hin wara fl-ghassa taz-Zejtun;

1. Saq jew ipprova jsuq, jew kellu kontroll ta' vettura bil-mutur jew vettura ohra li kienet fit-triq jew f'post pubbliku iehor waqt li ma kienx f'kundizzjoni li jsuq minhabba xorb jew drogi;
2. Naqas jew irrifjuta li jaghti skont il-ligi kampjun tan-nifs, tad-demm u/jew tal-urina;
3. Bhala persuna volontarjament kiser il-paci pubblika u l-bon ordni b'ghajjat u storbju jew b'mod iehor;
4. Naqas li jobdi l-ordnijiet legittimi moghtija lilu mill-Pulizija jew minn ufficjal iehor ta' awtorita' ohra waqt il-qadi ta' dmirijiethom, jew ma halliex, jew

fixkilhom, jew b'xi mod bla jedd indahal fl-istess dmirijiet billi ma halliehomx jaghmlu jew hassar dak li kienu qed jaghmlu;

5. F'post pubbliku jew miftuh ghall-pubbliku, kien fi stat ta' sakra b'mod li ma kienx jista' jiehu hsieb tieghu nnifsu jew kien jidher bic-car fis-sakra waqt li kellu l-hsieb tal-imsemmija vettura;
6. Bhala persuna ngurja, hedded jew ghamel offiza fuq persuna ta' wiehed inkarigat skont il-ligi minn servizz pubbliku, cioe' lil PS816, waqt li kienu qed jaghmlu jew minhabba li qed jaghmlu dan is-servizz bil-hsieb li jbezza jew jinfluwixxi kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dan is-servizz;
7. Bhala persuna sar recidiv b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) datata 4/11/2015 u 11/11/2014 mill-Imhallef Edwina Grima LL.D. u l-Magistrat Dr. Francesco Depasquale LL.D., liema sentenza saret definita u ma tistax tigi mibdula.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-31 ta' Ottubru, 2017, fejn l-appellant gie illiberat mill-akkuza numru 6 u gie misjub hati tal-akkuzi numri 1, 2, 3, 4, 5, 7 u kkundannatu ghal hlas ta' multa ta' €2,800.00, liema multa kellha tithallas ratealment permezz ta' pagamenti ta' €100 fix-xahar, kif ukoll issospendietlu l-licenzja tas-sewqan ghal zmien sena w ordnat lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jeleva minghand l-akkuzat il-licenzja tas-sewqan minnufih, b'dan illi din ghandha tigi ritornata lill-akkuzat wara li jkun skada t-terminu tas-sospensjoni.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Joseph Grech, pprezentat fl-10 ta' Novembru, 2017, fejn talab lil din l-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn ma sabitx lill-appellant hati tas-sitt imputazzjoni, tikkonferma in kwantu sabitu hati tat-tieni, t-tielet, r-raba', l-hames u s-sebgha mputazzjoni, izda tirrevoka u thassar is-sentenza appellata fejn l-appellant instab hati tal-ewwel akkuza u konsegwentement tilliberah minn din l-imputazzjoni u l-konsegwenti htija u piena; alternattivament u biss f'kaz li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad l-aggravju tal-appellant dwar is-sejbien ta' htija u ghalhekk tikkonferma s-sentenza appellata fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni, l-appellant jitlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tvarja l-piena nflitta ghal wahda iktar ekwa u gusta fid-dawl tac-cirkostanzi u n-natura tal-kaz kif fuq spjegati.

Rat illi l-aggravji tal-appellant, Joseph Grech, huma s-segwenti w cioe':-

1. L-Appellant qatt ma messu nstab hati tal-ewwel imputazzjoni.

   Illi l-appellant hassu aggravat b'din is-sentenza u ghalhekk qieghed jinterponi dan l-umli appell, in kwantu fl-umli fehma tal-appellant, l-Ewwel Onorabbli Qorti naqset milli taghmel apprezzament korrett tal-provi prodotti.

   Illi l-appellant jikkontendi li dakinhar tal-kaz odjern, fl-ebda hin ma kien jinsab fi stat ta' sokor. Illi l-appellant kien ghadu lanqas biss gie servut x-xorb alkoholiku li kien ordna. L-appellant jikkontendi li veru li kien intenzjonat li jikkonsma x-xorb alkoholiku, imma fl-ebda hin ma gie ppruvat illi kien ser jipprova jsuq il-vettura tieghu taht l-effett tal-alkohol. Illi l-appellant kien hareg sabiex jara jistax jaghti daqqa t'id minhabba l-kommossjoni tal-vetturi, liema stat ta' fatt gie kkonfermat anke mill-Prosekuzzjoni. Illi huwa veru li l-appellant cahad li jissottometti ruhu ghal *breathalyzer test*, kif ukoll illi hassu urtat bl-atteggjament tal-pulizija ezekuttiva u kien ghalhekk ukoll illi t-tieni u t-tielet imputazzjoni gew ammessi.

   Illi l-aggravju huwa limitat biss ghall-ewwel imputazzjoni, stante illi l-pulizija ezekuttiva fl-ebda hin ma rnexxielha tipprova, sal-grad probatorju rikjest mill-ligi, li l-appellant saq jew kien behsiebu jsuq vettura taht l-influwenza tal-alkohol.

   Illi l-appellant kien jinsab hdejn il-vettura tieghu biss sabiex jara li hadd ma jolqotha, peress li kien hemm konfuzjoni kbira, kif ukoll sabiex jaccerta li l-vettura tieghu ma sservix ta' zgombru. Illi l-uniku raguni ghalfejn l-appellant kellu riha ta' xorb fuqu kien minhabba l-fatt illi kif diga' inghad, l-appellant kien cappas hwejgu b'xorb alkoholiku, wara li bi zvista, terzi mhux maghrufha kienu qelbu xorb fuqu.

   Illi fl-umli fehma tal-appellant, il-Prosekuzzjoni ma gabitx l-prova rikjesta u mandatorja, sabiex tirrizulta l-ewwel imputazzjoni, u cioe', li kien saq jew prova jsuq, jew kellu kontroll ta' vettura bil-mutur jew vettura ohra li kienet fit-triq jew f'post pubbliku iehor waqt li ma kontx f'kundizzjoni li ssuq minhabba xorb jew drogi. Illi l-Prosekuzzjoni, ma ppruvatx illi l-vettura tal-appellant kienet instaqet jew li l-appellant kellu ntenzjoni li jsuq din il-vettura meta kien fi stat ta' sokor. Illi l-uniku ntenzjoni li kellu l-appellant kienet illi jmur jiltaqa' ma' habib tieghu bil-kwiet wara li kien serrah rasu illi l-vettura kienet qieghda pparkjata f'post sikur. Illi l-appellant kien qieghed biss hdejn il-vettura sabiex jipprova jghin fis-sitwazzjoni u l-konfuzjoni li nholqot minhabba l-*crane* in kwistjoni, u spicca kellu jibqa' hemm wara li vettura ohra, kkagunatlu hsara fil-vettura tieghu. Illi zgur illi dawn il-fatti ma jistghu wasslu ghal htija tal-ewwel imputazzjoni.

2. Piena.

   Illi l-piena inflitta mill-ewwel Qorti kienet wahda eccessiva u timmerita tigi riveduta.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semghet trattazzjoni.

Ikkunsidrat:

Illi l-appell interpost mill-appellant huwa limitat ghas-sejbien ta' htija ghall-ewwel imputazzjoni billi jinsisti illi meta huwa gie imwaqqaf mill-pulizija, kien bil-wieqfa hdejn il-vettura tieghu u ma kienx qieghed isuq u ma kellux intenzjoni jsuq din il-vettura. Jikkontendi wkoll illi sa dak il-mument huwa kien ghadu ma ikkunsmax alkohol u kellu riha ta' xorb ghaliex terza persuna waqqghet xi xorb fuq il-hwejjeg tieghu. Jishaq illi l-vettura tieghu kienet ipparkeggjata u hu nstab hdejha ghax kien hemm kommozzjoni fit-triq minhabba li kien hemm krejn jirmonka dghajsa u ghalhekk mar hdejn il-vettura ghax beda jibza' li kienu ser jolqtulhielu.

Illi l-provi madanakollu jindikaw xort'ohra. Dan ghaliex jidher illi l-appellant gie imwaqqaf mill-pulizija peress illi kien involut f'kollizzjoni ma' vettura ohra. Fil-fatt jirrizulta illi nhar l-20 ta' Diċembru 2015, il-pulizija kienu qedgħin jikkontrollaw it-traffiku ġewwa B'Bugia Road, B'Bugia peress li kien hemm krejn jgħabbi dgħajsa minn ġol-baħar. Inħasset il-ħtieġa li jitpoġġew tabelli sabiex ikunu ta' għajnuna lill-pulizija u sabiex tissolva l-problema tal-konġestjoni tat-traffiku. Illi f'dan il-hin seħħet kollizjoni bejn żewġ vetturi u cioe' dik bin-numru ta' registrazzjoni IAG078 misjuqa mill-appellant u ohra bin-numru HBB082 misjuqa minn certu Rita Debono. Illi mix-xiehda tal-pulizija involuti fl-investigazzjoni ta' dan il-kaz jirrizulta illi s-sewwieq tal-vettura IAG078, u cioe' l-appellant, kien fi stat ta' sokor għax beda jixxengel. Infatti kif kellmuh il-pulizija ħassew il-ħtieġa li jsirlu t-test tan-nifs ġewwa l-Għassa taż-Żejtun u dan anki peress illi kien qed jitlef il-bilanċ u kellu r-riħa tax-xorb tinxtamm. Kif il-pulizija ipproċedew sabiex jieħdu lill-appellant l-għassa taż-Żejtun sabiex jagħmlulu test tan-nifs, dan irrifjuta u beda jgħolli leħnu u jgħajjat bl-atteggjament jibqa jippersisti anke gewwa l-ghassa meta beda jghid kliem inġurjuż fil-konfront tal-pulizija.

Ikkunsidrat:

Illi fid-dawl tan-natura tal-aggravji mqajjma, tajjeb li din il-Qorti tfakkar illi huwa prinċipju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmula mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha.[1] Dan qed jinghad ghaliex f'dan il-kaz l-uniku apprezzament li setghet taghmel l-Ewwel Qorti kien dak tal-provi imressqa mill-prosekuzzjoni billi l-appellant la xehed u lanqas ressaq provi in difeza. Illi allura dina l-istorja li johloq fir-rikors tal-appell tieghu ma hija bl-ebda mod imsahha bl-icken prova. Mhux biss izda l-appellant jitlob il-konferma ta' dik il-parti tas-sentenza ta'l-Ewwel Qorti fejn huwa gie misjub hati tar-reat kontravvenzjonali kif imfassal fl-artikolu 338(ff) tal-Kodici Kriminali biex b'hekk lanqas ma jidher illi huwa qed jikkontesta l-fatt illi fil-jum u l-hin ta'l-incident kien fis-sakra.

Fil-fatt mill-appell minnu intavolat jidher illi dak li qed jikkontesta mhuwiex daqstant il-fatt jekk kienx xurban o meno, izda l-fatt li kien qed isuq jew bi hsiebu isuq il-vettura tieghu, ghalkemm jallega illi kellu riha ta' xorb fuqu mhux ghax kien qed jixrob izda ghaliex terza persuna li baqghet injota qallbet ix-xorb alkoholiku fuq hwejjgu. Mhux biss izda tul il-kors tat-trattazzjoni orali issa fi stadju ta' revizjoni id-difiza tohrog b'storja ohra li ukoll ma tirrizulta minn imkien mill-atti meta jinghad illi l-appellant filfatt kien qed jixrob l-alkoħol potenzjalment imħallat mal-kafe', u dan wara li ħabat ma' Debono u ċioe wara li saq il-vettura, u mhux qabel. Din is-sottomissjoni tvarja konsiderevolment minn dak redatt fir-rikors tal-appell, u tohloq kontradizzjoni shiha fit-tezi pprospettata mid-difiza, tant illi din il-Qorti tqies illi dan

[1] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib, 15 ta' Jannar 2009; Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili, 19 ta' Gunju 2008; Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter, 14 ta' Dicembru 2004 Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa, 16 ta' Ottubru 2003; Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina 24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak 23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed, 5 ta' Lulju 2002; Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino, 7 ta' Marzu 2000, Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt, 1 ta' Dicembru 1994; u Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: Il-Pulizija v. Andrew George Stone, 12 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija v. Anthony Bartolo, 6 ta' Mejju 2004; Il-Pulizija v. Maurice Saliba, 30 ta' April 2004; Il-Pulizija v. Saviour Cutajar, 30 ta' Marzu 2004; Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et, 21 ta' Ottubru 1996; Il-Pulizija v. Raymond Psaila et, 12 ta' Mejju 1994; Il-Pulizija v. Simon Paris, 15 ta' Lulju 1996; Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace, 31 ta' Mejju 1991; Il-Pulizija v. Anthony Zammit, 31 ta' Mejju 1991.

l-appell huwa wiehed konfuzjonarju ghall-ahhar fejn l-appellant qed jipprova jiggranfa ma kull skuza possibbli beix jipprova jahrab l-id tal-gustizzja.

Illi allura din il-Qorti tistqarr illi l-aggravju imqanqal mill-appellant jirrazenta l-fieragh ghaliex kif inghad ix-xhieda kollha li iddeponew, b'mod specjali Rita Debono, jikkonfermaw illi l-appellant kien qed isuq il-vettura tieghu tant illi kien involut f'kollizzjoni. Illi allura dak li jikkontendi fir-rikors tal-appell tieghu u cioe' illi huwa ma kienx qed isuq il-vettura tieghu jew ma kienx bi hsiebu isuq meta gie imwaqqaf mill-pulizija huwa ghal kollox inverosimili. Kif inhu inverosimili wkoll dak allegat minnu illi huwa ma kienx ikkonsma xorb alkoholiku ghalkemm mhuwiex car ghaliex kellu riha ta' xorb fuqu jekk hux ghax xi hadd waqqa' l-alkohol fuq hwejjgu jew inkella ghaliex kien qed ixrob il-kafe' imhallat bix-xorb wara li sehhet il-habta, ghalkemm fir-rikors kif inghad, jikkontendi illi ma kienx qed isuq u l-vettura tieghu kient ipparkeggjata!

Sahansitra l-ispettur Melvyn Mifsud li kien xhud okulari ghal-kollizzjoni u tal-movimenti tal-appellant wara din il-ħabta, jikkonferma dan il-fatt. Ix-xhud Debono ssemmi wkoll l-fatt illi l-appellant kellu tazza kafe' f'idu li hu kien xtara mill-*bar* li daħal ġo fih wara l-ħabta u dan innutatu fil-mument li hu mar ikellimha sabiex jistaqsieha jekk kelliex ħsara fil-vettura minħabba li hu kien ħabat ġo fiha. Illi imbaghad ix-xiehda tal-PS186 Vassallo, kif ukoll tal-PC459 Hussain jikkonfermaw illi l-appellant kien xurban tant illi beda jixxengel u ma setax izomm il-bilanc. Mhux biss izda anke l-atteggjament tieghu kien wieħed litiġuz u aggressiv, liema komportament ma ġiex ikkontestat mill-appellant,[2] u dan apparti li ġie nnutat jitriegħed kemm minn Debono kif ukoll mix-xhieda tal-pulizija. In oltre skont il-pulizija tant kien qieghed jixxengel illi sahansitra beda jwaqqa l-kafe' li kellu f'idu u kellu wkoll riħa konsiderevoli ta' xorb fuqu. Dan il-komportament baqa' jippersisti meta ittiehed l-ghassa tal-pulizija tant illi l-pulizija ħassew li m'għandhomx jieħdulu l-istqarrija f'dak il-mument minħabba l-istat inebrijat li l-appellant kien fih. Illi fuq kollox dana l-istat ta' sokor huwa ukoll ikkonfermat mis-sentenza appellata fejn l-

[2] It-tielet imputazzjoni li tagħha l-appellant instab ħati u li mhux qiegħed jikkontesta permezz ta' dan l-appell.

appellant gie misjub hati li kien f'post pubbliku fi stat ta' sokor, minn liema parti tad-decizjoni ma giex intavolat appell.

Illi allura din il-Qorti ma ghandha l-ebda dubbju bhall-Ewwel Qorti qabilha illi l-appellant kien qed isuq il-vettura tieghu meta kien taht l-influwenza tax-xorb biex b'hekk l-ewwel imputazzjoni tirrizulta ampjament ippruvata.

Finalment għal dak li jirrigwarda l-piena mposta fuq l-appellant, jidher illi din kienet wahda piuttost miti tenut kont tal-fatt illi li l-appellant diġa kellu preċedenti simili għar-reati li dwarhom gie misjub hati, kif ukoll fid-dawl tal-addebitu tar-reċidiva li taghha wkoll gie misjub hati. Konsegwentement din il-Qorti ma tarax għalfejn għandha tbiddel il-piena inflitta, fid-dawl ukoll tal-fatt illi l-appellant ma ressaq l-ebda raġuni valida għal konsiderazzjoni ta' din il-Qorti li jista' iwassalha tvarja l-istess. Fir-rigward tas-sospensjoni tal-liċenzja tas-sewqan, jidher li skont id-dettami tal-artikolu 15H(2) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, din hija mandatorja fuq il-Qorti u gjaladarba l-appellant gie misjub hati f' żewġ każijiet preċedenti tal-istess xorta, it-terminu prefiss ma jistax ikun ta' anqas minn sena.

Għal dawn il-motivi l-Qorti, taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata b'dan illi t-terminu ghas-sospenzjoni tal-licenzja ta' sewqan ghal sena ghandu jibda jidekorri min-nofs il-lejl ta' llum. Illi inoltre it-terminu ghal hlas rateali tal-multa inflitta fl-ammont ta' €100 fix-xahar ghandu jibda jidekorri mill-1 ta' Ottubru 2019, b'dan illi l-pagamenti sussegwenti ghandhom isiru fl-ewwel ta' kull xahar. Jekk l-appellant jonqos milli jaghmel pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut kollu f'salt u kkonvertit f'terminu ta' prigunerija skont il-ligi.

Edwina Grima

Imhallef